MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 1042/2011

**Raymond u Maria Carmela konjuġi D'Anastas**

**-vs-**

**1) Domenic Agius; u**
**2) L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu ġie premess:

1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond bl-isem 'Betel', 21 fi Triq Ġużeppi Portelli, Lija

2. Illi l-imsemmi fond jikkonsisti f'*maisonette* b'entratura minn Triq Ġużeppi Portelli mibni fuq żewġ

garaxxijiet li jinsabu fil-livell tat-triq u li huma proprjeta' ta' terzi liema garaxxijiet kellhom bitħa fil-parti ta' wara tagħhom.

3. Illi l-intimat Domenic Agius huwa l-proprjetarju tas-sit ġja' okkupat mill-fond bin-numru uffiċjali tletin (30) u bl-isem 'Tulip' fi Triq Massimiliano Debono, Lija li kien jikkonsisti f'*terraced house*.

4. Illi l-intimat Domenic Agius ottjena mingħand l-intimata l-oħra Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar il-ħruġ ta' permess ta' żvilupp numru PA 02545/10 sabiex jiddemolixxi l-imsemmi fond u minflok jibni u jikkostruwixxi blokk ta' bini konsistenti f'seba' (7) garaxxijiet f'livell ta' *basement* u sitt (6) appartamenti u *penthouse*.

5. Illi l-intimat Domenic Agius jinsab fi stadju avvanzat ħafna tal-kostruzzjoni ta' dan il-blokk ta' bini.

6. Illi naturalment l-imsemmi permess maħruġ mill-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a favur tal-intimat inħareg *"saving third party rights"*.

7. Illi *oltre* dan l-imsemmi permess ġie ottenut a bażi ta' dikjarazzjoni falza magħmula mill-intimat Domenic Agius u dan kif se jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

8. Illi a bażi wkoll ta' din id-dikjarazzjoni falza l-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar laqgħet l-applikazzjoni għall-iżvilupp kif sottomessa mill-intimat Domenic Agius sabiex jiddemolixxi l-imsemmija *terraced house* bin-numru uffiċjali tletin (30) u bl-isem 'Tulip' fi Triq Massimiliano Debono, Lija u jibni s-sit tiegħu *in parte* f'distanza ta' inqas minn tlett (3) metri mil-linja limitrofa illi anke tiddelinea l-linja tal-binja tal-fond tal-atturi u *in parte* addirittura sal-ħajt ta' wara tal-ġaraxxijiet sottostanti għall-fond tar-rikorrenti.

9. Illi l-galleriji ta' wara tal-appartament mibnija u kostruwiti mill-intimat Domenic Agius (li, anke fejn

inżammet id-distanza ta’ tlett (3) metri f’dik li hija l-linja tal-bini, l-imsemmija galleriji xorta jisporġu iżjed ’il barra minn tali linja tal-bini fid-direzzjoni tal-fond residenzjali tal-atturi) ġew litteralment iħarsu u jagħtu direttament għal fuq il-proprjeta’ tal-atturi b’mod illi kull sens ta’ privatezza ġie kompletament obliterat u dan kif ċertament jista’ jiġi apprezzat minn aċċess li jista’ jsir fuq il-post waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawża.

10. Illi *in oltre* parti mill-bini kostruwit mill-intimat Domenic Agius literalment imiss mal-ħajt tal-garaxxijiet sottostanti l-fond tal-atturi b’mod allura li s-saqaf ta’ dak il-parti tal-bini hekk appoġġjat jagħti direttament għal fuq il-bitħa tal-fond tal-atturi b’mod illi wieħed jista’ faċilment jaċċedi mill-bini tal-intimat għal ġol-fond residenzjali tal-atturi u b’hekk mhux biss ġie mxejjen għal kollox id-dritt ta’ privatezza tal-atturi iżda anke d-dritt ta’ sigurta’ u dan ukoll kif ċertament jista’ jiġi apprezzat minn aċċess li jista’ jsir fuq il-post waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawża.

11. Illi wkoll fl-iskavar tas-sotterran fejn illum ġew mibnija l-garaxxijiet fil-livell ta’ *basement*, l-intimat Domenic Agius naqas li josserva d-distanza ta’ żewġ piedi u nofs mil-linja diviżorja.

12. Illi barra minn hekk il-fond tal-atturi jgawdi servitu ta’ dawl u arja.

13. Illi bil-bini kif kostruwit mill-intimat Domenic Agius u kif mogħti l-permess li jagħmel mill-intimata Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dan is-servitu’ ta’ dawl u arja ġie mnaqqas b’mod ferm sostanzjali jekk mhux addirittura mxejjen għal kollox tant li l-fond tar-rikorrenti li tikkostitwixxi d-dar tar-residenza tagħhom ġiet litteralment mirduma mill-bini kostuwit mill-intimat Domenic Agius.

14. Illi r-rikorrenti għamlu diversi rappreżentazzjonijiet kemm verbalment u kif ukoll in iskritt mill-intimata Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar pero’ kien kollu inutili u l-parir li dejjem ingħataw kien li jekk hekk jidhrilhom għandhom jaġixxi ġudizzjarjament

biex jissalvagwardjaw id-drittijiet u l-interessi tagħhom, kif fil-fatt qegħdin jagħmlu.

15. Illi wkoll b'riżultat tal-bini kostruwit mill-intimat Domenic Agius, u ċjoe' bil-mod kif ġie mibni u kostruwit tali blokk bla ebda bitħa fuq wara u b'mod illi ġie mirdum il-fond tar-rikorrenti, ir-rikorrenti sofrew danni kbar konsistenti fid-deprezzament sostanzjali tal-fond proprjeta' tagħhom, għal liema danni huma passabbli l-intimati jew min minnhom.

Jgħidu għalhekk l-intimati jew min minnhom għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

(i) prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-fond proprjeta' tar-rikorrenti bl-isem 'Betel' fi Triq Ġużeppi Portelli, Lija jgawdi servitu' ta' dawl u arja u sofrew spoll vjolenti u klandestin;

(ii) tiddikjara illi bil-bini li ġie kostruwit mill-intimat Domenic Agius fis-sit ġja' okkupat mit-*terraced house* n-numru uffiċjali tletin (30) u bl-isem 'Tulip' fi Triq Massimiliano Debono, Lija tnaqqset sostanzjalment it-tgawdija tas-servitu tal-fond tar-rikorrenti;

(iii) tiddikjara *in oltre* illi bil-bini li ġie kostruwit mill-intimat Domenic Agius fis-sit ġja' okkupat mit-*terraced house* bin-numru uffiċjali tletin 30) u bl-isem 'Tulip' fi Triq Massimiliano Debono, Lija l-atturi ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom ta' sigurta' u privatezza;

(iv) tikkundanna lill-intimat Domenic Agius biex jirreintegra u arja jew bit-tneħħija tal-bini kostruwit jew bir-ridimensjonament tiegħu;

(v) tikkundanna lill-istess intimat Domenic Agius biex jirreintegra lir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom ta' sigurta' u privatezza jew bit-tneħħija tal-bini kostruwit jew bir-ridimensjonament tiegħu;

(vi) sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għat-talbiet prċedenti enumerati (i) sa (v), tiddikjara illi fl-

iżvilupp tas-sit ġja’ okkupat mit-*terraced house* bin-numru uffiċjali tletin (30) u bl-isem ‘Tulip’ fi Triq Massimiliano Debono, Lija l-intimat Domenic Agius naqas milli jħalli d-distanza legali ta’ żewġ piedi u nofs fit-tħaffir tal-*basement* u dan bi ksur tal-liġi;

(vii) konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat Domenic Agius sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss min din l-Onorabbli Qorti, jeżegwixxi dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna taħt is-sorveljanza ta’ perit nominandi, a spejjeż tal-istess intimat Domenic Agius, sabiex tiġi sanata din l-illegalita’ u tiġi osservata d-distanza legali stabbilita’ skond il-liġi;

(viii) fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jeżegwixxu tali xogħlijiet huma stess taħt is-sorveljanza ta’ perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti a spejjeż tal-istess intimat Domenic Agius;

(ix) sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti enumerati (i) sa (v), tiddikjara illi bil-bini minnu kostruwit appoġġjat mal-ħajt tal-garaxxijiet sottostanti l-fond residenzjali tal-atturi l-intimat Domenic Agius ikkawża molestja gravi għall-proprjeta’ u d-drittijiet tal-atturi;

(x) konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat Dominic Agius sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, ineħħi a spejjeż tiegħu tali bini u jressqu lura sad-distanza li tiġi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti taħt is-sorveljanza ta’ perit nominandi;

(xi) fin-nuqqas tawtoriżża lill-atturi sabiex jeżegwixxu tali xogħlijiet huma stess taħt is-sorveljanza ta’ perit nominat minn din l-Onborabbli Qorti a spejjeż tal-istess intimat Domenic Agius;

(xii) tiddikjara illi l-permess għall-iżvilupp numru PA02545/10 ġie ottenut mill-intimat Domenic Agius a bażi ta’ dikjarazzjoni falza li huwa għamel lill-intimata l-oħra

Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, kif fuq spjegat;

(xiii) tiddikjara illi għaldaqstant tali permess għall-iżvilupp numru PA02545/10 għandha jiġi rtirat u revokat a bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 77 tal-Att dwar l-Ambjent l-Iżvilupp u l-Ippjanar tas-sena 2010;

(xiv) konsegwentement tordna lill-intimata Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex tirtira u tirrevoka l-permess għall-iżvilupp numru PA02545/10 maħruġ lill-intimat Domenic Agius u sabiex tieħu l-azzjonijiet kollha ta’ infurzar meħtieġa u neċessarji għad-demolizzjoni tal-bini kostruwit;

(xv) f’każ illi ma jiġux akkolti t-talbiet illi jwasslu jew għat-tneħħija tal-bini kostruwit jew għar-ridimensjonament tiegħu, tiddikjara illi bl-aġir tal-intimati jew min minnhom ir-rikorrenti sofrew danni sostanzjali konsistenti fid-deprezzament tal-fond proprjeta’ tagħhom bl-isem ‘Bethanel’ fi Triq Gużeppi Portelli, Lija;

(xvi) tillikwida tali danni okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi; u

(xvii) tikkundanna lil-intimati jew min minnhom għall-ħlas ta’ tali danni kif likwidati.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati jew min minnhom li qegħdin minn issa jiġu inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ppreżentata fl-20 ta’ Diċembru 2011, li permezz tagħha eċċepiet:

1) Preliminarjament, l-Awtorita’ intimata ma hix il-leġittima kontradittriċi għall-parti l-kbira tat-talbiet attrici, *stante* li jidher li din hi kawża prinċipalment ta’ indoli ċivili bejn żewġ persuni privati. Dan jirriżulta ċar ukoll bil-mod li huma redatti t-talbiet attriċi, li huma ndirizzati fil-konfront

tal-intimat l-ieħor, u għaldaqstant l-Awtorita' intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li ma tweġibx għall-istess talbiet, li f'kull każ qed tirrespinġihom bħala infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront taghha.

2) Illi dwar it-tnax, tlettax u erbatax il-talba, li jikkoncernaw lill-Awtorita' intimata, jispetta lir-rikorrenti li jressqu provi preċiżi u konkludenti dwar dak li qed jallegaw. Jispetta wkoll lir-rikorrenti li jressqu prova sodisfaċenti li huma eżawrew ir-rimedji mogħtija lilhom skont il-Kap 504 qabel irrikorrew quddiem din l-Onorabbli Qorti bl-istanza odjerna. Ġjaladarba l-atturi jridu li jiġi invokat l-artikolu 77 tal-Kap 504 u jiġi rtirat il-permess maħruġ a favur il-konvenut, iridu jippruvaw *ai termini* tal-istess artikolu li l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' frodi fis-sens li offra informazzjoni frawdolenti lill-Awtorita' li kellha inċidenza materjali fuq il-ħruġ tal-permess ta' żvilupp PA 02545/10; jew iridu jippruvaw li f'dan il-każ l-għoti tal-permess jolqot is-sigurta' pubblika; jew iridu jressqu prova li l-ħruġ tal-permess kien frott ta' żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument li jkun qed jikser il-liġi.

3) Illi qed jigi eċċepit ulterjorment li skont il-liġi, hija biss l-Awtorita` jew it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li għandhom il-jedd li jinvokaw l-Artikolu 77 tal-Kap 504 għat-tħassir ta' permess maħruġ a favur terz, u ma hux permissibbli li terza persuna titlob li dan l-Artikolu jiġi nvokat mill-Awtorita' dwar permess maħruġ a favur terz bil-proċedura legali kif adottata mir-rikorrenti f'din il-kawża. Għaldaqstant qed tiġi wkoll eċċepita l-improponibbilta' tat-tnax, tlettax u erbatax-il talba attriċi.

4) Illi l-ħmistax, sittax u sbatax-il talba kif diretti fil-konfront tal-Awtorita' intimata għandhom jiġu miċħuda, *stante* illi f'dan il-każ l-Awtorita' intimata qdiet il-funzjonijiet u d-doveri tagħha sew, skont il-liġi u in *buona fede*, u għalhekk ma kkaġunat l-ebda danni lir-rikorrenti u ma twieġeb għal ebda danni li allegatament jistgħu jiġu kaġunati lilhom.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Domenic Agius ppreżentata fil-5 ta' Jannar 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1) Preliminarjament illi r-rikors ġuramentat u talbiet tal-atturi huma nulli u bla effett a tenur tal-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu ma fihomx tifsira ċara u sewwa tar-raġuni tat-talba kontra l-esponenti a tenur tal-artikolu 156 (1) (a), (b) u 156(2) tal-Kap. 12, liema nuqqas joħloq ukoll preġudizzju lill-esponenti *stante* li ma tqegħidx f'pożizzjoni li jiddefendi ruħu mill-allegazzjonijiet diretti kontra tiegħu peress illi:

a) L-atturi ma jidentifikawx is-sors tad-drittijiet vantati minnhom, ossia l-allegati drittijiet ta' *"dawl u arja"* u *"sigurta u privatezza"* u għalhekk jonqsu milli jagħtu r-raġuni tat-talba a tenur tal-artikolu 156 (1) (b);

b) L-atturi ipproponew xejn inqas minn sbatax-il (17) talba li jikkonsistu f'azzjonijiet ġudizzjarji li mhux kompatibbli bejniethom u kontradittorji u oħrajn ġew proposti b'mod alternattiv għal talbiet oħra;

2) Preliminarjament ukoll, illi r-rikors ġuramentat u talbiet tal-atturi huma nulli u bla effett a tenur tal-artikolu 789 (ċ) u (d) tal-Kap. 12 in kwantu l-atturi jittentaw jopponu permess ta' żvilupp permezz tal-proċeduri odjerni meta l-liġi tipprovdi proċeduri, rimedji u forma speċifika hekk kif provdut fil-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat jeċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti f'din l-istanza referibbilment għat-talbiet (xii), (xiii) u (xiv) in kwantu l-pretensjonijiet dedotti mir-rikorrenti u r-rimedju speċifiku invokat minnhom *ai termini* tal-artikolu 77 tal-Kap. 504 jaqgħu fil-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Awtorita' intimata u tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kif

stabbilit taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 40 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi, u senjatament it-talbiet (i), (ii), (iv) u (v), huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-servitu' ta' *"dawl u arja"* vantat mir-rikorrenti huwa ineżistenti;

5) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma jeżistux l-elementi meħtieġa għall-azzjoni ta' spoll;

6) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi, u senjatament it-talbiet (iii) u (v), huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-iżvilupp fil-fond tal-esponenti ma għandux l-iskop jew l-effett li jimmina s-sigurta' jew privatezza tar-rikorrenti u, fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti ma għandhom ebda jedd li jillimitaw l-iżvilupp ta' proprjetajiet adjaċenti bl-iskuża tal-privatezza jew sigurta' tagħhom meta tali żvilupp huwa konformi mad-drittijiet ta' proprjeta' tal-partijiet u mal-permessi tal-awtoritajiet kompetenti;

7) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet (vi), (vii) u (viii) tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li fl-iżvilupp tal-proprjeta' tiegħu l-esponenti żamm id-distanzi stabbiliti mill-liġi;

8) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet (ix), (x) u (xi) tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-appoġġ tal-bini tal-esponenti ma jilledi ebda jedd tar-rikorrenti;

9) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet (xii), (xiii) u (xiv) tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li mhux minnu li saret xi dikjarazzjoni falza u l-permess *de quo* huwa validu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

10) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet (xii), (xiii) u (xiv) tal-atturi fejn jinvokaw l-effetti tal-artikolu 77 tal-Kap. 504 huma irritwali in kwantu ma jirrispettawx il-proċess ġudizzjarju previst mill-istess artikolu u għalhekk huma nulli;

11) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet (xv), (xvi) u (xvii) tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-atturi ma għandhom jedd jirreklamaw danni mingħand l-esponenti, aktar u aktar ġaladarba l-pretensjoni għad-danni ġie proposta biss fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet l-oħra tal-atturi;

12) Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' Domenic Agius u l-lista tax-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-18 ta' April 2012 illi permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut huma ta' nullita' tar-rikors promotur, għalkemm għal raġunijiet differenti. L-ewwel eċċezzjoni tiċċita l-artikolu 156 (2) tal-Kap. 12 u l-Qorti se tittratta l-ewwel lilha għaliex naturalment jekk din l-eċċezzjoni tirriżulta fondata, ma jkunx hemm lok ta' indaġini ulterjuri mill-Qorti.

Il-konvenut qed jissottometti li r-rikors ma fihx it-tifsira ċara tar-raġuni għat-talba kif jgħid l-artikolu msemmi u dan joħloq preġudizzju lill-konvenut li ma jkunx jista' jiddefendi ruħu. Jgħid li dan huwa għaliex l-atturi ma identifikawx is-sors tad-dritt vantat minnhom u illi t-talba fiha sbatax-il talba li jikkonsistu f'azzjonijiet ġudizzjarji mhux kompatibbli bejniethom u kontradittorji u oħrajn li ġew proposti b'mod alternattiv għal talbiet oħra.

Il-Qorti għalhekk se tirrepiloga din il-lista twila ta’ talbiet qabel ma tikkummenta fuqhom. L-ewwel talba hija fis-sens li l-konvenuti kkommettew spoll; it-tieni li bil-kostruzzjoni msemmija ġew imnaqqsa t-tgawdija tas-servitu; it-tielet li tnaqqsu d-dritt ta’ sigurta u privatezza u r-raba’ u ħames talba biex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jirreintegra lill-atturi fil-pussess tas-servitu ta’ dawl u arja u mbagħad tas-sigurta’ u privatezza. Is-sitt u seba’ u tmien talba huma fir-rigward tad-distanza legali. Mid-disa’ sal-ħdax-il talba huma fir-rigward tal-appoġġ bejn il-proprjetajiet. Mit-tnax sa l-erbatax-il talba jirrigwardjaw il-permess maħruġ mill-Awtorita’ konvenuta fejn l-atturi qed jitolbu t-tħassir tiegħu. Fl-aħħar tlett talbiet l-atturi jitolbu kundanna għal-ħlas tad-danni f’każ li t-talbiet l-oħra ma jiġux milqugħa.

Għalhekk jidher ben ċar li l-atturi qed jipproponu diversi talbiet, ħafna minnhom fil-konfront tal-konvenut u oħrajn fil-konfront tal-Awtorita’ dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-24 ta’ April 1998 fl-ismijiet **“Frendo Randon noe vs Salomone”** qalet fir-rigward:

*“… meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi u mhux ċert liema waħda minnhom hija l-kawżali li sejra tifforma l-bażi ta’ l-azzjoni odjerna dan iġib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista’ jammetti t-talba għax ma jkunx jista’ jagħżel il-kawżali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li tagħżel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri ċar li l-kawża kif ġiet intavolata hija insostenibbli billi ab initio la setgħet tipproċedi u lanqas setgħet tiġi ammessa. It-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma’ oħra. Bħal li kieku dawn iwasslu għal rimedju wieħed meta dan hux hekk għaliex it-tnejn huma distinti waħda mill-oħra. Isegwi għalhekk li mhux leċitu li tgħaqqad azzjoni ma’ oħra ... Meta l-pożizzjoni hija tali jirriżulta kjarament illi l-proċedura tal-attur kienet waħda irrita u nulla.”*

Illi fil-każ in eżami l-atturi mhux azzjoni waħda qed jipproponu iżda mill-inqas tlieta fil-konfront tal-konvenut, u

oħra fil-konfront tal-Awtorita'. Minn eżami tat-talbiet tal-atturi jirriżulta ben ċar li hemm konfużjoni (mhux fis-sens legali) ta' talbiet kontestwali li ma jistgħux jiġu komodament trattati f'kawża waħda. Il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Joseph Tabone vs Joseph Flavia"** (7 ta' Marzu 1958) esprimiet din il-veduta anke f'kawża ta' spoll; hija qalet fir-rigward ta' din l-azzjoni u dik ta' manutenzjoni illi *"dawn iż-żewġ azzjonijiet ma jistgħux jiġu eżerċitati konfużament u flimkien b'domanda waħda"*. F'din il-kawża l-azzjoni ta' spoll ġiet preżentata flimkien ma' diversi azzjonijiet.

Illi bħala osservazzjoni finali, l-aħħar tlett talbiet huma alternattivi għat-talbiet l-oħra u kif wieħed jista' jsib fis-sentenza fl-ismijiet **"Angelo Fenech vs Pawlu Grech"**, deċiża fl-23 ta' Settembru 2001 minn din il-Qorti tali talbiet mhux ammissibbli u jrendu ċ-ċitazzjoni nulla. Stabbilit dan il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol aktar fil-kwistjoni.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tiddikjara null ir-rikors promotur, u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------